MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1650/2003

**Saviour Bugeja**

**Vs**

**Donald Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' elf erba' mija u tletin lira Maltin (Lm1,430) rapprezentanti self maghmul lill-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-konvenut ma ssellef ebda flus minghand l-attur.

Ra l-Affidavit ta' l-attur li kien il-habib ta' Nazju Cassar, missier il-konvenut, fejn jghid illi darba minnhom kien mar ghand Nazju Cassar u dan kien talbu sabiex jislef xi flus lill-konvenut ghax kellu bzonn jixtri xi hwejjeg. Il-konvenut kien talbu mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) u kien weghdu li jaghtihomlu lura wara xahar.

Darb' ohra jghid illi rega' cempillu l-konvenut u kien talbu mitejn lira Maltin (Lm200) izda ma qallux ghalfejn kellu bzonnhom.

Jghid li gurnata wara, l-konvenut rega' talbu elf lira Maltin (Lm1,000) ghaliex kellu bzonnhom il-konvenut stess u siehbu. Assigurah illi siehbu jirritornalu l-flus.

Jikkonferma li fl-ebda okkazjoni ma semmew imghax. Il-konvenut kien tah biss hamsin lira Maltin (Lm50) lura.

Bugeja jghid illi wara xi granet induna li Nazju Cassar ma kienx ghadu jintefa' mieghu. Jichad li kien qal xi haga kontrihom.

Jghid ukoll illi meta kien gie notifikat il-konvenut kien cempillu Nazju Cassar u kellmu hazin. Jikkonferma li huwa kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija u PC 1171 Lawrence Mallia mar ikellem lil Nazju Cassar. Nazju Cassar kien informa lill-attur li kien lest itih mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) basta l-kumplament ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) jinsieh izda hu m'accettax.

Ra x-xhieda ta' PC 1171 Lawrence Mallia fejn jikkonferma li l-attur kien ghamel rapport kif ukoll Mallia kien mar ikellem lil Nazju Cassar.

Jghid li Nazju Cassar cempel lill-attur u d-diskors dar fuq xi serq ta' xi flus. Mallia jghid illi Nazju Cassar kien qal lill-attur li dawk il-flus li l-istess attur sellef lill-konvenut kienu fil-fatt ghal haddiehor u mhux ghall-konvenut. Jghid ukoll illi Nazju Cassar kien qal lill-attur illi jekk kienu ser jispiccaw il-Qorti hu kien ser jghid illi s-self kien bl-uzura.

PC 1171 Lawrence Mallia jiftakar ukoll illi gew imsemmija mitejn u anki elf bhala ammonti.

Jikkonferma li qatt ma kellem lill-attur u lanqas lill-konvenut qabel ma mar ghand Nazju Cassar.

Ra l-Affidavit tal-konvenut fejn jghid illi l-attur kien qallu li jekk ikun jaf b'xi hadd li jkollu bzonn jissellef xi flus jghidlu. Jghid illi l-habib tieghu Simon Cassar kellu bzonn xi flus u ghalhekk il-konvenut kellem lill-attur fuq dan. Jghid illi l-attur kien accetta illi jislifhomlu izda jzid illi huwa kien qallu li l-flus ma kienux ghalih. Il-konvenut kien ghamilha cara illi dawn il-flus kienu ghal Simon Cassar izda l-attur insista sabiex ma jiltaqax mieghu.

Jikkonferma li Simon Cassar kien ghadda lill-attur pagament wiehed biss li kien ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Il-konvenut jghid illi l-attur kien ippretenda li jhallsu hu minflok Simon Cassar.
Ra l-Affidavit ta' Simon Cassar fejn jikkonferma li kien issellef elf lira Maltin (Lm1,000). Jghid illi l-konvenut kien infurmah li kien il-habib ta' Nazju Cassar li sellfu l-flus izda la ried jidher u lanqas jiltaqa' mieghu.

Il-konvenut kien qallu wkoll illi l-attur fetah kawza kontrih sabiex jithallas l-ammont li kien sellfu.

Jikkonferma li ried jiltaqa' ma' l-attur izda l-istess attur ma riedx.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jikkonferma l-Affidavit. Jichad illi kien qal lill-konvenut sabiex isiblu xi nies biex isellifhom il-flus.

Jikkonferma li qatt ma ltaqa' ma' Simon Cassar.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jichad li ssellef fi tlett okkazjonijiet. L-ammont li ssellef kien ta' mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280). Iz-zewg ammonti ohrajn ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u mitejn lira Maltin (Lm200) kienu ghal

terza persuna. Jikkonferma li kien informa lill-attur li l-elf lira Maltin (Lm1,000) kienu sejrin ghand Simon Cassar u l-mitejn lira Maltin (Lm200) ghand William Coleshaw.

Il-konvenut jghid illi qatt ma kien jinkiteb xejn dwar il-ftehim li kien hemm.

**Ikkunsidra**

Illi fir-Risposta tieghu l-konvenut qal li ma ssellef ebda flus minghand l-attur. Meta xehed l-istess konvenut qal li kien issellef mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) minghand l-attur. Il-konvenut qal ukoll li kien ircieva Ittra minghand l-avukat ta' l-attur sabiex ihallas lura elf erba' mija u tletin lira Maltin (Lm1,430) izda ma ta ebda kaz ta' din l-Ittra. Il-konvenut ikkonferma wkoll li Simon Cassar qatt ma ltaqa' ma' l-attur u li l-attur qatt ma ried jiltaqa' ma' Cassar jew Coleshaw.

Il-verzjoni tal-konvenut, li l-ftehim kien li l-istess konvenut kellu l-obbligu li jghaddi flus lil terzi persuni u ma jibqa' responsabbli bl-ebda mod mhix kredibbli. Illi huwa hafna izjed probabbli li l-attur dejjem insista li qatt ma ried jiltaqa' mat-terzi persuni ghaliex il-ftehim kien li l-konvenut jibqa' responsabbli. Jekk il-konvenut ma kellu jaghti xejn lill-attur wiehed kien jistenna li jirrispondi ghat-talba ta' hlas permezz ta' avukat.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' elf erba' mija u tletin lira Maltin (Lm1,430) bl-imghax legali mit-8 ta' Novembru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------